MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2010

Numru. 286/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Dennis Theuma**
**vs**
**Roderick Ellul**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Roderick Ellul ta' 23 sena iben Carmelo u Pauline nee' Vella mwieled Pieta fit-18 ta' Marzu 1983 u residenti 31 St Catherine Street B'Bugia ID 182483 (M).**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Dicembru 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-datra**

**(a) pproduca, biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola,**

**club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh u dan bi ksur ta' l-Artikoli 8 (b) u 22 (2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta**
**(b) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet lij jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-ARtikolu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga nstabet f'cirkostanzi li juri li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**
**(c) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur ta' l-Artikolu 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet fis-seduta ta' llum 8 ta' Frar 2010.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali, ir-relazzjoni tal-Perit Alexei Pace u ta' l-espert Mario Mifsud mahturin minn din il-Qorti f'dati differenti. Stante l-amissjoni ta' l-imputat, dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8 (a), 8 (d), 22 (1) (a), 2 (2) (b) (1) u (ii) u 22 (1B) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Proviso dwar id-distanza li jidher that l-Artikolu 22 (2B) (i) u (ii) tal-Kap 101 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh. Il-Qorti qed tqis li l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ghax ghen lill-pulizija u qed tqis ukoll li ghandu kondotta nadifa.**

**Ghaldaqstant wara li qieset kollox, qed tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' 7 xhur prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' 600 Euro, liema multa' tista tithallas b'rati ta' 60 Euro kull 4 gimghat, bl-ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat millum. Jekk xi pagament ma jithallasx, allura l-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx, din tinbidel skond il-ligi.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom**

**x'jaqsmu ma' l-esperti li huma 341.28 Euro plus 524.31 Euro li jaghtu somma komplessiva ta' 865.59 Euro fi zmien xahar lir-Registratur. Fin-nuqqas ta' hlas ta' dawn l-ispejjez, allura dawn jistghu jinbidlu fi prigunerija skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------